MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 428/2005

**Cutajar Ltd.**
**Vs**
**Giovanni Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta’ attrici li qed titlob ammont bilancjali dovut lilha ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut;

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’l-ittra interpellatorja tat-2 ta’ Novembru, 2004 u bl-imghax legali mill-1 ta’ Dicembru, 2003 sal-effettiv pagament;

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut, salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ra x-xhieda ta’ Mario Cutajar, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici fil-kapacita tieghu bhala direttur, li spjega li generalment meta jibdew xi negozju ma’ xi hadd

gdid jifthu *account* u jdahhlu l-informazzjoni skond kif tinghata lilhom;

Waqt li esebixxa Dokumenti MC 1 u MC2 indika li kien dejjem il-konvenut li deher fil-kapacita' tieghu personali u kien anke jiffirma personalment. Is-socjeta' attrici dejjem lilu kienet taf;

Fuq il-*customer data* hemm biss il-firma tas-*salesman*, izda x-xhud jispjega li fil-fehma tas-socjeta' attrici, il-klijent dejjem kien Giovanni Calleja bl-indirizz Auto Centre, St.Paul's Str, Naxxar. Pero' ma kienx jaf jekk il-pagamenti kienux qed isiru b'cekk mahrug minn G.C. Auto Services Limited, ghaliex ma jkollux *records* ta' min ghamel il-pagament;

Ra x-xhieda ta' Adrian Cutajar li jispjega li ilu jahdem mas-socjeta' attrici ghal dawn l-ahhar tnax-il sena bhala *salesman* fuq barra. Ighid li l-konvenut kien klijent tas-socjeta' attrici sa' mis-sena 2001. L-ewwel darba li imtliet l-applikazzjoni sabiex jinfetah kont ghall-konvenut, kien imtela' mix-xhud, skond informazzjoni li kien tah l-istess konvenut;

Meta l-konvenut kien jiffirma l-*invoice* kien jiffirma f'ismu u qatt ma talab sabiex tinbidel xi informazzjoni;

Ix-xhud jispjega li l-konvenut kellu *credit terms* ta' xi sittin gurnata biex ihallas, izda maz-zmien beda jdum ma' jhallas;

Ix-xhud jkompli jispjega li hija prassi li meta jinfetah kont gdid, li l-klijent ma jiffirmax. Fil-kaz in kwistjoni, il-kont kien jinhareg  fuq il-hanut u kien jiffirma l-konvenut. Jekk ikun hemm xi tibdil fil-*VAT number*, jew per ezempju ssir xi kumpanija, l-konvenut ikun irid jghidilhom, izda f'dan il-kaz ma sar xejn minn dan. Il-*VAT number* inghata mill-konvenut stess, izda minn naha tas-socjeta' attrici ma kienux ivverifikaw jekk il-*Vat number* kienx ta' xi kumpanija;

Ix-xhud jikkonferma li l-konvenut gieli kien ihallas b'cekk u gieli kien ihallas *cash*, izda meta hallas b'cekk ma setax jiftakar jekk thallsux minn kumpanija jew le;

Ix-xhud jichad li l-konvenut kien qallu li kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta' GC Auto Centre Services Limited u li hu kien qallu li kien ahjar jekk japplika ghan-nom tieghu ghaliex kien idum biex jiehu l-*commission*. Ighid li jekk qed takkwista kumpanija jew le, xorta jiehu *l-commission*;

Minkejja fejn hemm indikat "Isem tal-persuna," u hu kiteb Auto Centre, jinnega li jaf lil Mr.Auto Centre, izda jafha tramite l-konvenut Giovanni Calleja. Fil-fatt bhala "kunjom," fl-order form kiteb Giovanni Calleja;

L-*account number* jigi indikat, pero' fil-computer, imbaghad ikun hemm rrekordjati d-dettalji kollha;

Ix-xhud jikkonferma ukoll illi gieli rcieva xi garanzija minghand il-konvenut bit-timbru ta' GC Auto Centre Services Limited;

Ra x-xhieda ta' Francesco Calleja, bin il-konvenut li jikkonferma li kien jahdem ma' missieru u kienu jordnaw xi merkanzija minghand is-socjeta' attrici u l-ordni kienet issir mas-salesman Adrian Cutajar. Jikkonferma li l-*invoice* kien johrog f'isem il-hanut Auto Sales u qatt ma gibed l-attenzjoni ta' Cutajar biex ibiddel dan l-isem tad-*delivery*. Meta kienu jinghataw il-merkanzija gieli kien jiffirma hu u gieli missieru;

Ra x-xhieda tal-konvenut li jikkonferma dak li qal ibnu Francesco Calleja, izda zied li hu kien qal lis-salesman li ghal finijiet tal-*credit form* u *information form* kellha tidher il-kumpanija GC Auto Centre Services Limited. Il-*Vat number* li tah kienet tal-kumpanija ukoll. Jikkonferma ukoll li l-indirizz huwa tal-kumpanija ukoll;

Il-konvenut ighid li kien jordna minghand is-socjeta' attrici bejn is-snin 2001 u 2003 u meta s-salesman kien igiblu l-merkanzija kien ihallas gieli b'cash u gieli b'cekk. Meta

hallas b’cekk kien johrog cekk mill-kumpanija u esebixxa kopji ta’ dawn ic-cekkijiet;

Ighid li meta kienu jinhargu l-invoices kienu jinhargu bhala Auto Centre u kemm il-darba gibed l-attenzjoni tas-salesman;

Ix-xhud ikompli jispjega li ghalkemm il-kontijiet kienu johorgu fuq il-hanut kienu jithallsu mill-kumpanija li kienet idahhalha fin-negozju taghha;

Il-konvenut jistqarr li hu kien jinnegozja mas-salesman u li dan kien  qallu li jekk kien johrog invoice fuq kumpanija, il-process kien ikun itwal, u kien jitlef il-*commission*;

Calleja ighid li kien is-salesman li kien qallu li kien ahjar jekk il-*credit* ma kienx johrog fuq kumpanija ghaliex kien idum aktar u kien idum ukoll biex jiehu il-*commission*. Ghalhekk kien insista mas-salesman li ma riedx jiffirma l-*order form* u kien ser jagixxi ghan-nom tas-socjeta’ GC. Auto Centre Services Limited. Ighid ukoll li l-*order form* kienet imtliet mis-salesman, izda hu kien tah id-dettaliji u kien indikalu ukoll l-isem tal-kumpanija, izda kien s-salesman li ghal darb’ohra kien kiteb biss Auto Centre;

Il-konvenut jikkonferma li ma kienx tah in-numru tal-kumpanija u lanqas l-isem tad-Diretturi, izda s-salesman lanqas kien talbu din l-informazzjoni;

Il-konvenut jispjega li meta kien jakkwista xi oggetti minghand is-socjeta’ attrici, li fil-maggorparti taghha kienu radios tal-karozzi, kien jinghata garanzija li kellu jimla’ meta jbiegh dawn ir-radios bl-isem tax-xerrej u din l-istess garanzija jittimbraha u jibghata lura  lis-socjeta’ attrici;

Ra x-xhieda ta’ Mario Cutajar ghan-nom tas-socjeta’ attrici. Jispjega illi generalment s-salesman jimla’ *order form* u jinhareg *account number* u l-*accountant* jaghti l-ewwel ittra li biha jibda l-indirizz tal-klijent;

Jikkonferma ukoll li bhala *commission* jithallas is-salesman fuq il-flus kontanti  li jigbor, izda ma taghmilx differenza jekk il-klijent huwa persuna jew kumpanija;

Ghal dak li jirrigwarda l-garanzija jghid li dawn jingabru mis-*sales department* mhux l-*accounts department*;

Jekk ma kienx hemm firma fuq l-*order form* originali, jista' jkun li s-salesman ikun mela dettalji kif ried hu;

Ra x-xhieda ta' Patrick Gatt, il-financial controller tas-socjeta' attrici li ilu jahdem maghha ghal dawn l-ahhar tletin sena. Ighid ukoll illi generalment is-salesman imur jigbor l-pagamenti u jkollu ktieb tar-ircevuti. It-*tax invoices* jinghataw lil dawk li ghandhom hanut u lil dawk li mhumiex registrati b'*Vat number* tinhargilhom *fiscal receipt*;

Ghal dak  li jirrigwarda l-konvenut ix-xhud jikkonferma li kienet tintbaghtlu "*sales statement*"  u dawn huma tipi ta' *tax invoices* li jinhargulu. Jikkonferma li ma tnizzilx *Vat number* ghaliex il-persuna li tkun dahhlet id-dettalji tkun nsiet iddahhal dan in-numru. Bhala isem tnizzel dak li kien qallhom il-konvenut;

Jikkonferma li kienet saret laqgha bejnu, s-sur Cutajar, kif ukoll mal-konvenut, izda dan ta' l-ahhar baqa' jinsisti li kellhom jaslu ghall-arrangjament, izda meta ma wasslux qalilhom li kien ser ihallas meta hu kien komdu u li kien ser idum bil-kawza kemm seta';

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

L-unika eccezzjoni li tqajjmet mill-konvenut huwa li m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnu u s-socjeta' attrici;

Ir-relazzjoni guridika per se tirrikjedi li bejn l-attur u l-konvenut kien hemm kawza  u effett  u cioe' li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet tkun wahda fi sfond legali, li ggib fuq kull parti obbligazzjoni. F'dan il-kaz, it-Tribunal  jissottolinea li

ghandu jezamina jekk, meta inholoq kreditu favur is-socjeta' attrici, inholqotx relazzjoni bejn il-partijiet Ghalhekk fil-kaz in ezami, t-Tribunal irid jistabbilixxi jekk kienx hemm obbligazzjoni bejn s-socjeta' attrici u l-konvenut;

Tul il-kaz il-konvenut ttenta li jipprova li meta kien agixxa mas-socjeta' attrici kien agixxa ghan-nom tas-socjeta' G.C. Auto Centre Services Limited u fl-ebda kapacita' ohra;

Mid-dokumenti esibiti tirrizulta konfuzjoni fis-sens li gieli hemm invoices li johorgu fuq Auto Centre, cekkijiet mhallsa lis-socjeta' attrici mis-socjeta' G.C. Auto Centre Services Limited u hemm garanziji mahruga mis-socjeta' attrici li jintbaghtu lura lilha wara li jsehh bejgh u dawn huma timbrati mis-socjeta' G.C. Auto Centre Services Limited;

Jidher car li hafna drabi l-konvenut ma kienx qed jagixxi personalment, izda ghan-nom tas-socjeta' attrici li taghha huwa direttur;

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kellu n-negozju tal-bejgh tar-radios tal-karozzi li hu kien jixtri minghand is-socjeta' attrici u l-istess negozju kien jigi gestit that l-isem G.C. Auto Centre Services Limited;

Jirrizulta ukoll li l-prassi meta jinfetah kont gdid mas-socjeta' attrici, kienet u ghadha  li s-salesman jiltaqa' mal-klijent u jiehu d-dettalji. F'dan il-kuntest hemm provi konfliggenti, fis-sens li l-konvenut jinsisti li meta kien fetah kont mas-socjeta' attrici, Dokument MC1, is-salesman kien qallu li minkejja li kien qed jidher fil-kapacita' tieghu bhala direttur tas-socjeta' G.C. Auto Centre Services Limited, kien ahjar li fil-kont jidher hu personalment ghaliex kien idum aktar biex jiehu l-*commission*;

Dan kollu hu negat mis-salesman stess Adrian Cutajar, li jaghti l-impressjoni li jekk il-kont jinfetah minn kumpanija jew le xorta tinghata l-commission;

It-Tribunal jinnota li fl-“order form” originali ma giex indikat l-isem ta’ kumpanija , izda isem il-konvenut bl-indirizz tal-hanut tieghu. Madanakollu, t-Tribunal jinnota ukoll illi tnizzel “Tax Reg.No” li f’dan il-kaz kien ta’ “1475-3830.” Dan in-numru huwa l-istess bhal *Vat number* tas-socjeta’ GC Auto Centre Services Limited. (vide Dok AN2);

Fix-xhieda tieghu s-salesman Cutajar jikkonferma li ma kienx ivverifikat mas-socjeta attrici lil min kien jappartjeni in-numru “1475-3830” u cioe’ jekk kienitx ta’ xi persuna jew kumpanija. Ix-xhud Adrian Cutajar, ciononostante’ jaccenna ghal fatt li l-l-invoices dejjem gew iffirmati minn Giovanni Calleja u qatt ma gibdilhom l-attenzjoni sabiex issir din il-korrezzjoni;

Minn analizi ta’ dan kollu, t-Tribunal jissottolinea li kollox jindika li anke f’dawn l-okkazzjonijiet fejn il-konvenut ffirma f’ismu jew deher f’ismu dejjem kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta’ GC Auto Centre Services Limited, taht liema socjeta’ kien jiggestixxi il-hanut tieghu u kien hemm indikazzjonijiet sufficjenti biex is-socjeta’ attrici kellhiex ikollha dubbju fuq dan. Huwa appena necessarju jigi osservat illi kieku hija ivverifikat in-numru tal-VAT kien ikollha konferma ma min kienet qed taghmel negozju cioe’ jekk hux ma persuna, ma’ ditta jew ma socjeta’. Jidher pero’ li s-socjeta attrici ma tantx tat kaz ta’ dan;

Il-fatt per se’ li l-konvenut ma ffirmax l-order form originali, il-fatt per se li kemm il-darba hallas b’cekk tas-socjeta’ u fuq kollox il-fattur principjali li l-“tax registration number” huwa dak tas-socjeta’ GC Auto Centre Services Limited, fuq bazi ta’ probabilita’ it-Tribunal hu soddisfatt li, l-konvenut meta ltaqa’ mas-salesman tas-socjeta’ attrici kien ta’ indikazzjoni cara li kien qed jagixxi ghan-nom tal-kumpanija u mhux ghal haddiehor;

L-azzjoni odjerna ghalhekk kellha tigi intavolata kontra is-socjeta’ u mhux kontra il-konvenut personalment;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut u jiddikajara li ma hemmx

relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut u ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

L-ispejjes kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------